Il-Papa jistedinna sabiex matul ix-xahar ta' Frar nitolbu biex il-vittmi ta' traffikar, prostituzzjoni sfurzata u vjolenza jsibu min jilqagħhom b'qalb ġeneruża.

**Qari**: *Minn diskors lill-ambaxxaturi fis-sena 2015*




Illum xtaqt nikkunsidra magħkom suġġett li lili jaffettwani ħafna u li bħalissa qed jhedded id-dinjità tal-bniedem.... it-traffikar tal-persuni. Dan it-traffikar huwa forma vera ta' skjavitù, li sfortunatament huwa mifrux ħafna u jikkonċerna kull pajjiż, anke dawk l-iktar żviluppati. Hija realtà li taffettwa lill-persuni li huma l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà: nisa ta' kull età, tfal, persuni b'diżabilità, il-fqar, u dawk li jkunu ġejjin minn familji mfarrka u minn sitwazzjonijiet diffiċli fis-soċjetà. B'mod partikolari, aħna l-Insara nagħrfu fihom il-wiċċ ta ' Ġesù Kristu, li identifika lilu nnifsu mal-iżgħar persuna u ma' dawk li huma l-aktar fil-bżonn. Oħrajn, li ma jħaddnu l-ebda fidi reliġjuża, f'isem l-umanità komuni, jaqsmu magħna l-mogħdrija għat-tbatijiet tagħhom u jippruvaw jeħilsuhom u jtaffulhom il-ġrieħi. Flimkien aħna nistgħu u għandna nimpenjaw l-enerġiji tagħna biex dawn in-nisa, l-irġiel u t-tfal jiġu meħlusa, u b'hekk intemmu dan il-kummerċ orribbli. X'aktarx li hemm miljuni ta' vittmi ta' xogħol sfurzat, vittmi tat-traffikar tal-persuni għal skopijiet ta' xogħol manwali u vittmi ta' sfruttament sesswali. Dan ma jistax jibqa' sejjer. Dan hu vjolazzjoni gravi tad-drittijiet umani ta' dawn il-vittmi u huwa offiża kontra d-dinjità tagħhom, kif ukoll telfa kbira għall-komunità dinjija. It-traffikar tal-persuni huwa delitt kontra l-umanità.

Kemm inti kbir o Alla. Kemm int setgħani u għaref!
Mulej, int ħlaqtna lkoll indaqs, ilkoll xbieħa tiegħek
u poġġejtilna l-ħolqien għad-dispożizzjoni tagħna,
u ridt li nħobbu u ngħinu lil xulxin.
Iżda Mulej, il-bniedem qaleb kollox ta' taħt fuq.
X'ħasra Mulej li l-bniedem jaf ikun daqshekk kiefer ma' ħuh!
Kif jista' bniedem jaqa' tant baxx li jasal
biex jisfrutta lil dawk li huma l-iżjed vulnerabbli?
Kif jista' l-bniedem iħalli l-poter u l-kilba għall-ġid jaħkmuh daqshekk?
Kif jista' l-bniedem jasal biex jaħseb li hu xi Alla
u, flok ma jaqsam ma' ħutu,
jisirqilhom ġidhom u saħansitra l-ħelsien tagħhom, id-dinjità tagħhom
u jagħmilhom skjavi u lsiera tiegħu?
Imma possibbli Mulej li l-bniedem kapaċi jkun
daqshekk kattiv, daqshekk bla qalb?

Kif jista' jkun Mulej, li bniedem jasal biex juri daqstant kefrija?
Mulej, nitolbok biex tiftaħli għajnejja ħalli nħares madwari,
ħalli ninduna li din mhijiex biss problema ta' pajjiżi oħra,
iżda li hi problema f'Malta wkoll.
Wisq nibża', Mulej, li ser tgħidli, "U int x'ser tagħmel?
Se tibqa' għaddejja bħas-soltu?"
Emminni Mulej, ma nafx x'se nagħmel.
Mulej, agħtini l-għajnuna ħalli ma nżommx lili nniffsi 'l bogħod,
ma nibqax iddistakkata u indifferenti,
qisu mhu qed jiġri xejn ftit 'il bogħod minni.
Agħtini l-kuraġġ Mulej sabiex infittex lil min qed jgħin
lil dawk li jirnexxilhom jaħarbu min-nasba tat-traffikar tal-persuni,
u noffri s-sapport tiegħi u biex, b'kull mod li nista',
insemma' l-karba ta' min qiegħed ibati u ta' min hu sfruttat.

**KANT**

**Qari**: *Mill-messaġġ tal-Papa Franġisku fil-Jum Dinji tal-Paċi – 1 ta' Jannar 2014*

Spirtu veru ta' fraternità jirbaħ l-egoiżmu individwali li jeqred il-possibiltà li persuni jgħixu fil-libertà u l-armonija bejniethom. Dan l-egoiżmu jiżviluppa soċjalment kemm fil-ħafna forom ta' korruzzjoni, li huma tant imxerrda illum, kif ukoll fil-formazzjoni ta' organizzazzjonijiet kriminali, ibda minn gruppi żgħar għal dawk organizzati fuq skala globali. Dawn bla ebda sens ta' legalità u ta' ġustizzja, jattakkaw il-qalb tad-dinjità tal-persuna. Dawn l-organizzazzjonijiet joffendu 'l Alla serjament, iweġġgħu lil ħuthom u jagħmlu ħsara lill-ħolqien, iżjed u iżjed meta jkunu mwettqin għal raġunijiet ta' reliġjon. Qed naħseb… fil-prostituzzjoni, li ta' kuljum taħsad vittmi innoċenti, speċjalment minn fost l-aktar żgħar, waqt li tisirqilhom il-ġejjieni tagħhom; qed naħseb fil-misħut traffikar ta' esseri umani, fil-kriminalità u abbużi kontra l-minorenni, fil-jasar li għadu jxerred biża' f'ħafna pajjiżi tad-dinja; fit-traġedji, ħafna drabi moħbija, tal-immigranti li huma inġustament suspettati bi ksur tal-liġi. Il-Knisja taħdem ħafna f'dawn l-ambjenti, wisq drabi fis-silenzju. Neżortaha u nħeġġiġha biex tagħmel aktar bit-tama li, dawn l-attivitajiet li fihom qed jaħdmu ħafna rġiel u nisa kuraġġużi, ikunu sostnuti dejjem aħjar, legalment u onestament, ukoll mill-mexxejja ċivili.

Mulej, il-Papa Franġisku jgħid li t-traffikar tal-persuni
huwa ferita miftuħa fil-ġisem tas-soċjetà kontemporanja,
pjaga fuq il-ġisem ta' Kristu. Huwa delitt kontra l-umanità.
Ngħid il-verità, Mulej, quddiem il-problema kbira tat-traffikar tal-persuni,
inħossni ċkejkna, bla poter u bla ħila.

Għalhekk Mulej nixtieq nafda f'idejk lil dawk kollha
li huma vittmi tat-traffikar tal-persuni, tax-xogħol sfurzat,
lill-vittmi tal-prostituzzjoni u kull xorta oħra ta' vjolenza.
Mulej, nitolbok sabiex tisma' l-karba tagħhom
u tgħinhom isibu lil min jagħtihom daqqa t'id biex jeħilsu minn dan il-jasar.
Mulej, fis-soċjetà tagħna tal-lum sar jgħaddi kollox,
Qisu xejn mhu xejn... għax warrabna l-valuri nsara fil-ġenb.
Kull sena, Mulej, eluf ta' rġiel, nisa u tfal jisfaw
vittmi innoċenti tal-isfruttament tax-xogħol,
tal-isfruttament sesswali u tan-negozju tal-organi.
Il-ħasra hi li donnu jidher li s-soċjetà tant drat dan ix-xenarju
li qed inqisuh bħala xi ħaġa normali.
Għalhekk nitolbuk Mulej sabiex tgħin lilna lkoll
biex nindunaw li dan hu att kriminali
u li għandna nħeġġu l-mexxejja ċivili tagħna
biex jagħmlu minn kollox biex jaqbdu lil min hu ħati ta' din il-kriminalità.
Għinhom, Mulej, ħalli l-mexxejja jagħmlu minn kollox
biex jgħinu lil dawk in-nies li spiċċaw vittmi innoċenti,
u li rnexxielhom jeħilsu mill-jasar,
biex joffrulhom sapport biex jibdew ħajja ġdida.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbu skont il-fehma tal-Papa għal dan ix-xahar biex il-vittmi ta' traffikar, prostituzzjoni sfurzata u vjolenza jsibu min jilqagħhom b'qalb ġeneruża.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu sabiex dawk li huma b'xi mod involuti jew responsabbli ta' din il-pjaga, jindunaw bl-uġigħ u t-tbatija li qed joħloqu lil tant vittmi innoċenti u b'hekk jieqfu jwettqu dawn l-atti kriminali.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu sabiex il-mexxejja tal-pajjiżi fejn hemm tfal li jinħatfu biex iħarrġuhom biex isiru suldati, jew biex jisirqulhom l-organi, jagħrfu l-vjolenza li qed titwettaq fuq it-tfal.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk biex tkun ma' dawk iż-żgħażagħ li jitilqu minn djarhom għax jiġu mwiegħda x-xogħol, imbagħad isibu lilhom infushom f'sitwazzjoni ta' jasar. Għinhom, Mulej, sabiex isibu min jeħlishom minn dan il-jasar u jsibu min jgħinhom biex jerġgħu jingħaqdu mal-familji tagħhom u jsibu posthom lura fis-soċjetà.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, agħti d-dehen lill-mexxejja tad-dinja ħalli jikkommettu ruħhom u jagħrfu jieħdu azzjoni kontra t-traffikanti tal-persuni. Agħtihom il-kuraġġ biex joħolqu strateġija effettiva flimkien biex jeqirdu dan l-att kriminali kontra l-umanità.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex f'kull parti tad-dinja l-bnedmin ma jiġux iktar sfruttati u miċħuda mid-dinjità tagħhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk għall-membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet madwar id-dinja li qed joffru l-għajnuna lil dawn il-vittmi biex jeħilsu mill-jasar tagħhom. Kun magħhom Mulej huma u jwettqu dan ix-xogħol perikoluż.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk ukoll Mulej sabiex tagħtihom l-għajnuna ħalli jiftħu qalbhom biex jisimgħu l-krib u l-uġigħ ta' dawn il-persuni li, kontra r-rieda tagħhom, kellhom jgħaddu minn esperjenzi li jbaxxu l-umanità tal-persuna, biex b'hekk jgħinuhom jerġgħu jsibu posthom fis-soċjetà.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.